MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru. 790/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Joseph Mary Borg, ta' 60 sena, bin Anthony u Carmela nee' Mizzi imwieled Valletta fit-8 ta' Marzu 1950 u joqghod 159, Flat 2, Triq il-Gross, Marsascala, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 307350(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat John Mary Borg akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn l-4 ta' Lulju 2005 u is-7 ta' Dicembru 2006 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu

minnha u cioe’ ha u zamm ghandu elfejn tmin mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2823.80), ghad-dannu ta’ Joseph Curmi mill-Belt Valletta;

Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fis-6 ta’ Gunju 2007 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ ha u zamm ghandu elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) ghad-dannu tas-socjeta BMIT Limited.

U aktar talli b’hekk ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b’sentenza taghha ta’ nhar it-18 ta’ Jannar 2005, liema sentenza saret definttiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mil-Avukat Generali tad-19 ta’ Dicembru 2007.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi dwar il-fattispecje ta’ dana l-kaz jidher car mill-atti processwali illi ma hemmx kontestazzjoni. L-imputat fil-fatt kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti jammetti minghajr tlaqlieq illi huwa kien jircevi il-flus minn ghand nies li jkunu inkarigawh professjonalment sabiex jehdilhom hsieb il-kotba tan-negozju taghhom u minflok li kien juza dawn il-flus ghall-ghan specifikat lilu mill-persuna li kienet

tinkarigah, kien jaghmel uzu personali mill-istess flus. Kien ghalhekk jabbuza mill-fiducja moghtija lilu minn dawn in-nies.

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ikkometta ir-reat ta' approprjazzjoni indebita a detriment ta' tnejn minn nies u cioe' certu Joseph Curmi u s-socjeta BMIT Limited. Illi fir-rigward ta' Joseph Curmi jidher illi l-imputat kien gie inkarigat minn dana Curmi b'mod specjali sabiex jehodlu hsieb il-kotba tan-negozju tieghu. Illi fost affarijiet ohra huwa kien inkarigah sabiex jiehu hsieb jissettlija l-kontijiet li kellu mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif ukoll li jhallas xi arretrati tal-bolla tax-xoghol u xi kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ghal dana il-ghan huwa ghaddielu diversi cekkijiet[1] hafna minnhom in bjank sabiex huwa jaghmel il-hlasijiet dovuti. Curmi kien jiffirma ic-cekkijiet, imbaghad l-imputat kien jiehu hsieb jimlihom.[2] Jidher illi minnflok ghamel dawn il-hlasijiet kif kien gie moghti struzzjonijiet biex jaghmel, huwa sarraf dawn ic-cekkijiet u zamm il-flus ghalih. Kien hemm xi flus ukoll li l-imputat isostni illi kien sellifhom lil certu Joseph Terribile[3], liema flus Terribile ghadu ma hallasx lura. Illi hafna minn dawn ic-cekkijiet l-imputat sarrafhom fuq l-idejn ghand diversi nies fosthom Simon McKay u Joseph Ayling.[4]

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputat illum hallas l-ammont kollu ta' flus mehuda indebitament minn ghand Curmi.[5] Jidher madanakollu illi parti mill-flus li l-imputat hallas lil Curmi bihom, huma il-flus mehuda indebitament minn ghand is-socjeta BMIT Limited. Fl-istqarrija tieghu a fol. 21 tal-process ikkonfermata bil-gurament fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, huwa jiddikjara: ***"Nikkonferma li bejn Gunju u Lulju li ghaddew jiena sarraft tlett cekkijiet ta' Lm500 il-wiehed ghand Simon Mckay. Nispjega li dawn ic-cekkijiet kien tahomli Emanuel Bonnici minn Hal Qormi li jahdem mal-kumpanija Bell***

[1] Ara Dokumenti AG 3 a fol.22 et seq. u Dokument AG4 a fol.46 et seq.
[2] Ara xhieda ta' Jospeh Curmi a fol.. 65 et seq.
[3] Ara xhieda ta' Joseph Teribile a. fol.84 u 161 tal-process
[4] Ara xhieda taghhom a fol. 80 u 96
[5] Ara xhieda Joseph Curmi a fol.150

***Med u dawn il-flus kien tghahomli sabiex inhallas il-bolol tal-kumpanija Bell Med. Fil-fatt jiena ma hallastx dawn il-bolol u b'dawn il-flus jiena hallast lil Joseph Curmi."***

Illi minn hawn l-imputat jikkonferma illi bil-flus li gew mghoddija lilu minn Emanuel Bonnici ghan-nom tas-socjeta BMIT, huwa kellu ihallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ta'l-istess kumpanija. Izda peress illi f'dana l-perijodu taz-zmien huwa kien qed jigi issikkat minn Curmi sabiex ihallsu lura l-flus mehuda indebitament, huwa ma segwiex l-istruzzjonijiet moghtija lilu minn dana Bonnici u minflok dawwar dawn il-flus ghall uzu personali tieghu.

Illi l-Qorti tistqarr minghajr tlaqlieq illi dana huwa kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita da parti ta'l-imputat u dana kif ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu. Illi fil-fatt dana jirrizulta li sehh f'dana il-kaz u ghalkemm fir-rigward tal-parti leza Joseph Curmi, l-kwerela tinsab esebita fl-atti tal-kawza u debitament ikkonfermata bil-gurament,[6] madankollu, l-istess kwerela ma hijiex mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni penali fil-konfront ta'l-imputat.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel

[6] Dokument AG1 a fol.19

hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta'l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

**"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"** (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[7]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

"**Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...".** Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel

[7] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet jirrizulta indubbjament illi l-imputat kien gie mghoddi flus sabiex jaghmel uzu specifiku minnhom. Illi l-imputat ma ghamilx uzu minnhom kif specifikat lilu, izda ghamel uzu divers u dana bi profitt ghalih. Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Illi fir-rigward ta’l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputat jirrizulta illi l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv u dana peress illi ikkometta dana ir-reat fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza imposta fuqu minn dina l-Qorti b’sentenza tat-18 ta’ Jannar 2005 u dana fuq akkuzi simili.[8] Illi l-imputat isostni illi huwa ghaddej minn problemi finanzjarji u dana meta dahal sabiex jiggarantixxi xi dejn bejn certu John Sullivan u Michael Pisani. Il-Qorti ma tistax tifhem kif madanakollu fl-att ta’kostituzzjoni ta’ debitu esebiet bhala Dokument JMB a fol.166, l-imputat assuma dana id-dejn huwa stess f’ismu personali u kien Sullivan illi dahal bhala garanti solidali flimkien mieghu![9] Jidher illi l-imputat jinsab f’cirku vizzjuz fejn sabiex ihallas lil persuna wahda huwa jiehu l-flus indebitament minn ghand persuna ohra u b’hekk johrog minn problema sabiex jidhol f’ohra! Dana jidher car anke mill-atti ta’ dina l-kawza kif intqal iktar ‘il fuq fejn l-imputat hallas lil Curmi bil-flus mehuda indebitament minn ghand Bonnici.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tinsab rinfaccjata b’diversi fatturi kemm favur kif ukoll kontra l-imputat. Illi huwa minnu illi l-imputat huwa bniedem illum avvanzat fl-eta’ u li hallas lil Joseph Curmi l-ammont kollu dovut u qieghed ukoll ihallas ftit ftit lis-

[8] Ara sentenza Dokument AG5 a fol. 50 debitament ikkonfermata mill-ex Spettur Bernard Zarb a fol.105

[9] Ara xhieda ta’ John Sullivan a fol.17

socjeta BMIT, izda madanakollu kif indikat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, l-imputat ghandu jitqies illi huwa recidiv skond kif jiddisponi l-artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li timponi piena karcererja effettiva, izda ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi u dana sabiex tigi mitigata l-piena fil-konfront ta'l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294, 28F, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' ghaxar xhur (10) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------